# PINGI U TGHALLEM IL-KELMA TA' ALLA

# IT-TORRI TA' BABEL



L-istorja tat-Torri ta' Babel turina kemm hi kerha s-suppervja. Is-suppervja taghmlek thossok li inti ahjar minn haddiehor. U meta naslu biex nahsbu hekk naslu biex nemmnu li ma ghandniex bzonn ta' Alla u kollox nistghu naghmlu ahna bil-hila taghna.

Ikun zball kbir li nemmnu hekk ghaliex ahna ghand bzonn kontinwu ta' Alla. Ahna niddependu Minnu u ghalhekk nehtiegu li nitolbuh l-ghajnuna tieghu.

Ahseb ftit meta l-ahhar ma obdejtx il-genituri tieghek. Dak ifisser li dak li kien jghodd, kienu l-hsibijiet u x-xewqat tieghek, kont tahseb li inti tifhem f'kollox filwaqt li l-genituri tieghek rieduk tobdi ghax raw il-gid li inti ma rajtx. Dik hi suppervja.

F'din l-istorja ara kif Alla ma jiehu gost xejn bil-bniedem supperv.

Kollox kien sew. Kulhadd kien jitkellem l-istess ilsien u jifhem dak li ried jghid haddiehor. Ilkoll kienu joqghodu f'post jismu Babilonja.

Xi hadd ma kienx kuntent b'dik il-hajja u ghalhekk gabar in-nies madwaru u fehemhom il-pjan li kellu f'mohhu. Jekk kienu kapaci li jibnu torri li jilhaq is-smewwiet kienu jibqghu jissemmew li kienu poplu b'hiliet kbar.

Ghalhekk bdew jahdmu bhal madum li kienu juzawh flok gebel u flok tajn kienu juzaw il-qatran. Ix-xoghol kien iebes izda aktar ma kien iebes aktar kienu jahdmu. Bdew jemmnu li b'dak il-progett hekk kbir u maestuz kienu ser jibqghu poplu wiehed maqghud. Is-suppervja hakmithom u dak li kienu jemmnu kien biss li huma ser jibqghu mfakkara bhala l-poplu li bena' l-aktar binja kbir fid-dinja.

Alla rahom jaghmlu hekk u kien jaf li f'qalbhom huma warrbuh ghaliex fdaw wisq fil-hiliet taghhom. Kien dizappuntat bil-bnedmin ta' Babilonja.

Imbaghad Alla hawdilhom il-lingwa li biha kienu jitkellmu bejnithom biex ma jibqghux jifhmu wiehed lil iehor u jifhmu kemm kienu nies suppervi.

Gara li bdew jitkellmu b'lingwi differenti u ma setghux jiftiehmu. Bdiet isaltan konfuzzjoni shiha. U raw li l-ahjar haga kienet li jixterdu mad-dinja kollha u ma jibqghux jghixu flimkien. U t-torri baqa' nofs xoghol.

Li kieku hsiebhom kien principalment Alla zgur li kienu jibqghu maghqudin u ma jonqsohom xejn. Kienu jaghmlu hwejjeg kbar ghaliex kien ikun Alla li jmexxihom.

Il-maqlub tas-suppervja hija l-umilta'. Jekk trid tkun umli isma' milli jghidlek Alla fil-kmandamenti tieghu, mill-jghidulek il-genituri tieghek u l-ghalliem tieghek ghax dawn iridulek biss il-gid kemm ta' ruhek kif ukoll ta' gismek. Ghin lil ta' madwarek u mhux twarrabhom, itlob u aqra l-Kelma ta' Alla.

Il-bniedem supperv igib hafna inkwiet.